MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 692/1973/1

**Alfred VELLA BORĠ**

**vs**

**ACCOUNTANT GENERAL, l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi, id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Settembru, 1973, li bih l-attur ippremetta;

Illi b'kuntratt pubblikat minn Nutar tal-Gvern Dottor Anthony Attard tal-erbatax (14) ta' Diċembru, 1972, ġie miftiehem bejn il-kontendenti li l-attur kellhu jagħmel xogħol ta' qtugħ ta' blat u trimming fir-Regional Road, fil-limiti ta' tas-Sliema tal-kejl kalkolat fl-ispecifications annessi mal-imsemmi att ta' ċirka sitt elef jardi kubi (6,000

cubic yards) għal prezz globali ta’ erbat elef mija u tmenin Lira Maltin (Lm4,180);

Illi fil-fatt l-attur fuq inkarigu tal-konvenuti għamel fiż-żona tal-kuntratt xogħol tal-imsemmija natura ta’ ferm iżjed mill-kejl fuq imsemmi u preċiżament ta’ ċirka elfejn erba’ mija u tlieta u tmenin jardi kubi (2483 cubic yards) iżjed u barra minn dan għamel ukoll fuq inkarigu tal-konvenuti xogħol ieħor simili u barra miż-żona tal-art tal-kuntratt ta’ ċirka seba’ mija tmienja u sebgħin jardi kubi (778 cubic yards) u peress illi l-attur ġie mħallas biss is-somma fuq imsemmija miftehma għal preċitati 6000 jardi kubi u ma ġiex imħallas għax-xogħol rimanenti li huwa għamel oltri u in eċċess ta’ dak kontrattat;

Għaldaqstant l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi;

Il-konvenuti jiġu kondannati li jħallsu lill-attur is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti għall-imsemmija xogħolijiet tiegħu “extra” occorrendo permezz ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-8 ta’ Mejju, 1973, u l-imgħax legali kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-13 t’Ottubru, 1973, li biha l-imħarrkin eċċepew;

Illi preliminarjament il-kuntratt ta’ l-appalt għall-qtugħ tal-blat fir-Regional Road, Sliema (tender 397 tal-1972) sar bejn l-attur u l-Accountant General u għalhekk il-konvenuti l-oħra imsemmija fiċ-ċitazzjoni għandhom jiġu maħruġa mill-kawża u liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bi spejjeż ta’ l-attur.

Illi fil-mertu il-blat li ġie maqtugħ mill-attur huwa konformi mal-volum indikat fl-istess tender u kuntratt u ma nqatax

blat iżjed minn dak pattwit. Dan il-fatt materjali jista jiġi konstatat bl-opera ta' periti nominandi.

Illi bla preġudizzju tal-premess, anki jekk se ma jista', f'pessima ipotesi, jirriżulta li l-attur qata' blat aktar mill-volum stipulat fil-kuntratt, dan sar bla ma kien jaf il-konvenut u żgur mingħajr il-kunsens tiegħu u għalhekk mhux responsabbli għal xogħol li setgħa għamel l-attur minn rajh.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat id-degriet tal-25 ta' Ottubru, 1973[1], li bih ħatret lill-Arkitett Austin Attard Montaldo bħala perit tekniku biex iqis u jagħmel kostatazzjonijiet dwar il-każ;

Rat id-degriet tat-28 ta' Novembru, 1980[2], li bih il-Qorti ordnat lill-perit tekniku minnha maħtur jgħaddilha l-inkartament tal-kawża biex tkun f'qagħda tikkostata dwar il-progress li sar sa dak inhar fil-kawża, liema ordni ttenniet b'degriet ieħor tas-7 ta' Diċembru, 1981[3], li ġie mħassar b'dak tal-15 ta' Frar, 1982[4], li ordna li ssir seduta waħda biex il-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-perit tekniku qabel jgħaddi għar-rapport;

Rat id-degriet tas-27 ta' Ottubru, 1982[5], li bih u fuq talba magħmula b'rikors mressaq mill-perit tekniku fil-21 ta' Mejju, 1982[6], ħatret lill-Avukat Eric Sammut biex jgħin lill-istess perit tekniku fid-diffikultajiet ta' sura legali msemmijin fir-rikors;

Rat il-verbali tas-smigħ tas-7 ta' Diċembru, 1987, tal-11 ta' Mejju, 1988, tal-14 ta' Novembru, 1988, tal-10 t'April, 1989, tal-25 t'April, 1989, tat-23 ta' Ottubru, 1989, tas-26 ta' Frar, 1990, tat-13 ta' Ġunju, 1990, tat-22 ta' Ottubru,

---

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 88 tal-proċess
[3] Paġ. 93 tal-proċess
[4] Paġ. 94 tal-proċess
[5] Paġ. 99 tal-proċess
[6] Paġ. 96 tal-proċess

1990, tal-4 ta' Diċembru, 1990, u tas-26 t'April, 1991, li bihom il-kawża kienet qegħda titħalla għal dati oħrajn bil-ħsieb li l-partijiet jaslu fi ftehim barra l-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-2 ta' Frar, 1994[7], li fih il-partijiet ingħataw żmien qasir biex jippruvaw jilħqu ftehim jew, fin-nuqqas, il-periti jgħaddu biex iressqu r-rapport, għal liema għan ingħata degriet f'dan is-sens waqt is-smigħ tal-25 ta' Novembru, 1994[8], wara li l-Qorti ġiet mgħarrfa li l-partijiet baqgħu ma laħqux ftehim dwar il-kwestjoni bejniethom;

Rat id-degriet tat-13 ta' Jannar, 1997[9], li bih u fuq talba magħmula mill-avukat Eric Sammut b'rikors tiegħu tat-8 ta' Jannar, 1997, ħassret il-ħatra li kienet mogħtija lill-istess avukat u qabbdet minfloku lill-avukat Veronica Galea Debono biex tgħin lill-perit tekniku iressaq ir-rapport;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-24 ta' Lulju, 1998[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-1 ta' Ottubru, 1998[11], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet oħra li l-imħarrkin ressqu fit-22 ta' Ottubru, 1998[12];

Rat ir-relazzjoni mressqa mill-perit tekniku bl-għajnuna tal-perit legali fis-7 ta' Jannar, 2000[13], u maħlufa minnhom waqt is-smigħ tat-12 ta' Marzu, 2001;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-22 ta' Marzu, 2001, li biha talab il-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-28 ta' Mejju, 2001[14], kif ordnat jagħmel b'degriet mogħti waqt is-smigħ tal-21 ta'

---

[7] Paġ. 140 tal-proċess
[8] paġ. 143 tal-proċess
[9] Paġ. 155 tal-proċess
[10] Paġġ. 169 sa 171 tal-proċess
[11] Paġġ. 172-4 tal-proċess
[12] Paġġ. 177-8 tal-proċess
[13] Paġġ. 197 sa 203 tal-proċess
[14] Paġġ. 210-1 tal-proċess

Mejju, 2001, li fiha kien hemm il-mistoqsijiet li l-attur xtaq iressaq lill-periti ġudizzjarji in eskussjoni;

Rat it-tweġibiet mogħtija mill-periti eskussi waqt is-smigħ tal-21 ta' Jannar, 2002[15];

Rat id-degriet tat-3 ta' Mejju, 2002[16], li bih il-Qorti (diversament presjeduta) reġgħet ħatret lill-perit tekniku biex jagħmel rapport dwar l-aspetti teknići tal-każ, ladarba l-ewwel relazzjoni kienet ittrattat biss il-punti ta' dritt;

Rat in-nota mressqa mill-perit tekniku fit-30 ta' Settembru, 2002[17];

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta' Marzu, 2003[18], li fih il-perit tekniku iddikjara li ma kienx f'qagħda li jiddetermina b'ċertezza l-ammont ta' blat maqtugħ mis-sit mertu tal-kawża;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mill-perit tekniku fil-21 ta' Mejju, 2003[19], mehmużin ma' liema kien hemm pjanta u sensiela ta' ritratti;

Semgħet ix-xhieda tal-perit tekniku dwar in-nota spjegattiva tiegħu;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Frar, 2004, li fih l-attur iddikjara li kien joqgħod għall-ispjegazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku fl-imsemmija nota tiegħu;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrkin fit-22 ta' Marzu, 2004[20], bis-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-imsemmija nota tal-perit tekniku;

Rat in-nota mressqa mill-attur fid-29 ta' Marzu, 2004[21], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

---

[15] Paġġ. 216 sa 221 tal-proċess
[16] Paġ. 224 tal-proċess
[17] Paġġ. 231-4 tal-proċess
[18] Paġ. 237 tal-proċess
[19] paġġ. 238 sa 243 tal-proċess
[20] Paġ. 258 tal-proċess
[21] paġ. 259 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tas-27 t'April, 2004, tal-14 ta' Ottubru, 2004, tat-2 ta' Diċembru, 2004, tat-13 ta' Jannar, 2005, u tas-27 ta' April, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas dwar xogħol imwettaq f'appalt mogħti b'*tender* wara sejħa pubblika. L-attur, li kien kuntrattur, kien ingħażel biex iqatta' blat biex ikun jista' jsir proġett tal-Gvern. Jgħid li huwa tqabbad jaqta' iżjed minn kemm kien imsemmi fit-*tender*, u jrid li jitħallas ta' dan ix-xogħol;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, l-ewwelnett, qalu li billi l-kuntratt sar mal-*Accountant General*, l-imħarrkin l-oħrajn ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-każ u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża. Fil-mertu, qalu li l-attur qata' blat kemm issemma fil-kuntratt u mhux iżjed minn hekk, u jekk tassew li l-attur qata' aktar minn dak li kien miftiehem, dan seħħ mingħajr l-għarfien tal-imħarrek, li għalhekk mhux responsabbli għal dan il-fatt;

Illi l-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża juru li kienet ħarġet sejħa għall-offerti f'xi żmien matul l-1972[22]. Is-sejħa kienet tirrigwarda xogħol ta' tqattigħ ta' blat u "*trimming*" (twittija) fejn kellhom jinfetħu toroq li jwasslu għall-mini fi triq ġdida proġettata, fejn illum tinsab it-Triq Reġjonali, qrib Wied Għomor biswit Ta' Giorni. L-attur ingħażel fuq l-offerta li ressaq. Sar ftehim permezz ta' kuntratt fl-14 ta' Diċembru, 1972[23], li fih l-attur kien intrabat li jqatta' l-blat skond kif imsemmi fl-ispeċifikazzjonijiet mehmużin mal-istess att sas-16 ta' Frar, 1973, u dan b'ħarsien tal-kundizzjonijiet imsemmijin fis-sejħa għall-offerti, u taħt piena li l-kuntrattur iħallas penali ta' LM 10 kuljum għad-

[22] Dokument f'paġġ. 11-3 tal-proċess
[23] Dok "A", f'paġġ. 4 sa 8 tal-proċess

dewmien wara dik id-data. Ħu l-attur, Joseph Vella Borġ, kien resaq ukoll fuq l-att bħala garanti solidali tal-obbligazzjonijiet li daħal għalihom l-attur;

Illi fost il-kundizzjonijiet ġenerali li l-attur laqa' meta sar il-kuntratt kien hemm dawk li jgħidu li ma kien dovut lill-kuntrattur l-ebda ħlas żejjed fuq is-somma iffissata fil-kuntratt għal xi xogħol żejjed, sakemm tali xogħol żejjed ma kienx ordnat bħala tali jew sakemm il-kuntrattur ma jkunx talab bil-miktub li jrid jitħallas iżjed għal tali xogħol qabel ma jkun beda dawk ix-xogħlijiet żejda[24]. Kundizzjoni oħra kienet tgħid li d-Direttur kellu s-setgħa li jordna żjieda jew tnaqqis fix-xogħlijiet, kwantitajiet jew kejl, u dan bir-rati miftehma: jekk kien hemm somma waħda miftehma, ir-rati jiffissahom l-istess Direttur[25];

Illi b'kollox kien maħsub li kien hemm bżonn jitqattgħu mas-6000 jarda kuba[26] ta' blat, li minnhom kien maħsub li 2000 jarda kuba[27] kellhom jitqattgħu b'meżżi mekkanizżati. Fil-bqija, il-kuntrattur sata' juża sistema ta' qtugħ bl-isplussivi, sakemm ma jingħatax ordnijiet mod ieħor mill-inġinier inkarikat mix-xogħlijiet. Il-ħlas kellu jsir malli jintemmu x-xogħlijiet. Waqt li kien għaddej ix-xogħol u ftit jiem qabel intemm, l-attur kellem perit u talbu jqis il-kejl tal-blat li tqatta'. Il-perit (Louis Busuttil) qagħad fuq tagħrif li tah l-attur[28] u milli ra b'għajnejh meta mar fuq il-post. Kiteb żewġ ittri lill-imħarrek Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex jgħarrfu bl-ammont ta' blat li kien wasal għall-fehma li l-attur kien qatta'[29]. Ma kienx intlaħaq ftehim dwar il-pretensjoni tal-attur. B'*payment voucher* maħruġ mill-imħarrek Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi[30], l-attur irċieva l-ħlas ta' erbat elef mija u tmenin lira (Lm 4180) li kien imsemmi fil-kuntratt. Huwa sarraf l-imsemmi *voucher*. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-1973;

Illi huma bosta l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li jridu jitqiesu f'din il-kawża, u li sejrin jiġu mistħarrġa fl-ordni li qegħdin

---

[24] Klawsola 4 tal-"*General Conditions of Contract*", f'paġ. 12 tal-proċess
[25] Klawsola 5, *ibid.*
[26] Ekwivalenti għal 4587.6 metri kubi
[27] Ekwivalenti għal 1529.2 metri kubi
[28] Xhieda tiegħu 12.11.1975, f'paġġ. 49-50 tal-proċess
[29] Dokti "F" u "Ġ", f'paġġ. 52-3 tal-proċess
[30] Dok "GB1", f'paġ. 54 tal-proċess

jissemmew. Dawn huma: (a) il-kwestjoni tal-*locus standi* tal-imħarrkin Ministru tal-Finanzi, Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi; (b) il-kwestjoni tan-natura tal-appalt meta jiġi stabilit prezz sħiħ għax-xogħol kollu; (ċ) jekk l-attur ingħatax xogħol iżjed minn dak li kien miftiehem; u, marbuta sfiq ma' din, (d) jekk l-attur qattax iżjed blat minn dak li kien miftiehem;

Illi għar-rigward ta' **min huwa l-kuntradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi** għandu jingħad illi l-bażi tal-kwestjoni kollha f'din il-kawża hija marbuta mal-kuntratt tal-appalt. F'dak il-kuntratt, il-kommittent kien l-imħarrek Accountant General u l-attur appaltatur (flimkien ma' ħuh li daħal garanti għall-obbligazzjonijiet tal-appaltatur). L-għaref difensur tal-attur jgħid li, meta nfetħet il-kawża, il-liġi proċedurali kienet tali li l-imħarrkin kollha riedu jiddaħħlu fil-kawża, u kien għalhekk li l-attur għażel li ma jħarrikx biss lill-Accountant General. Min-naħa tagħhom, il-periti ġudizzjarji, fir-Relazzjoni mressqa minnhom f'Jannar tal-2000, waslu għall-fehma li l-kontradittur leġittimu waħdieni tal-azzjoni attriċi kien l-Accountant General u li l-imħarrkin l-oħrajn ma kellhom l-ebda *locus standi*;

Illi, wara li l-Qorti fliet b'reqqa d-dokumenti mressqin fl-atti u wkoll in-natura legali tal-kwestjonijiet tal-kawża, ssib li l-eċċezzjoni hija mistħoqqa f'parti minnha. Tqis li għalkemm fil-kuntratt deher l-imħarrek Accountant General kif awtorizzat mill-Gvern ta' Malta, il-kundizzjonijiet tal-kuntratt kienu jinvolvu wkoll miegħu lill-imħarrek Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Kemm hu hekk, fiż-żewġ kundizzjonijiet li jirrigwardaw iż-żieda fix-xogħlijiet u ż-żieda fil-ħlas f'każ ta' xogħlijiet żejda, l-qbil dwar il-pretensjonijiet tal-attur ried isir mad-Direttur u mhux mal-Accountant General. Tqis għalhekk li l-Accountant General u d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jistgħu u jmisshom iwieġbu bejniethom għall-pretensjonijiet attriċi, u dan billi bil-liġi jgawdu minn setgħat dipartimentali li jwettquhom u jużawhom bla ma jridu jirrikorru għal awtorita' ogħla[31]. Tqis li t-talbiet attriċi jaqgħu sewwasew fil-parametri tas-setgħat tal-imsemmija żewġ imħarrkin.

[31] Ara Kost. **9.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Stafraċe et vs L-Aġent Reġistratur tal-Qrati et*** (Kollez. Vol: **LXXII.i.127**)

Tqis li l-imħarrkin l-oħrajn ma jistgħux iwieġbu għat-talbiet attriċi minħabba li m'għandhom l-ebda rabta ġuridika mal-attur. Fi kliem ieħor, jonqos fl-imħarrkin l-oħra l-interess ġuridiku attwali li huwa meħtieġ biex ikunu parti fil-kawża. Filwaqt li l-ġdizzju huwa sħiħ fil-persuna tal-imħarrek Accountant General u tal-imħarrek Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi;

Illi huwa minnu li, meta nbdiet il-kawża, ma kienx hemm fil-liġi proċedurali dispożizzjoni partikolari dwar ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern, kif wieħed isib illum[32]. Iżda l-artikolu 181 (li kien daħal fis-seħħ fl-1971, jiġifieri xi sentejn qabel infetħet il-kawża) kien diġa' jindika li kap ta' dipartiment kellu setgħa li jressaq atti ġudizzjarji fil-kwalita' tal-kariga tiegħu separatament minn Ministru jew minn amministratur pubbliku ieħor. Wieħed kien għalhekk jifhem li ladarba persuna bħal dik setgħet tressaq atti ġudizzjarji f'isem il-kariga tagħha, daqstant ieħor setgħet waħedha tidher u tkun parti f'kawża f'dik il-kariga;

Illi, għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni hija parzjalment mistħoqqa u l-imħarrkin Onorevoli Ministru tal-Finanzi u l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi għandhom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża;

Illi dwar l-aspett ta' **meta appalt jingħata għal prezz wieħed tax-xogħol kollu** tidħol fin-nofs il-kwestjoni dwar il-ħlas xieraq lill-appaltatur. Huwa prinċipju bażilari li l-ħlas lill-appaltatur dwar xogħol lilu appaltat isir dovut biss malli jitwettaq l-appalt, u tkun intempestiva t-talba tiegħu għall-ħlas magħmula qabel ma jkun temm dak li ntrabat li jwettaq[33], sakemm il-ftehim bejnu u l-kommittent ma jkunx jaħseb għal ħlasijiet akkont. Dan jgħodd aktar fejn l-appalt ikun ġie miftiehem bi prezz wieħed u sħiħ għax-xogħol kollu[34]. Naturalment, meta wieħed jgħid li x-xogħol irid ikun sar kollu, jkun qiegħed jifhem ukoll li jkun sar sewwa kif jitolbu s-sengħa u l-arti[35];

---

[32] Art. 181B tal-Kap 12, li ddaħħlet bis-saħħa tal-Att XXIV tal-1995

[33] P.A. **14.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Cavallo*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.650**)

[34] P.A. **21.3.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Ritchie*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.574**)

[35] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe***

Illi d-diffikulta' vera titnissel meta, flimkien max-xogħol miftiehem, l-appaltatur iwettaq xogħol ieħor. Dan jista' jseħħ jew minħabba li, min-natura nfisha tal-appalt mogħti, tinħoloq il-ħtieġa ta' xogħol żejjed, jew inkella għaliex, hu u għaddej ix-xogħol, il-kommittent jitlob li jsiru xogħlijiet oħrajn (*extra works*). Mhux kull xogħol imwettaq żejjed f'appalt jista' jitqies bħala "*extra works*" fis-sens hawn imfisser[36];

Illi ġie stabilit ukoll li meta jingħata xogħol b'żieda waqt li jkun qiegħed jitwettaq appalt, u ma jkunx sar ftehim ġdid, dak ix-xogħol żejjed għandu jitqies bħala estensjoni tal-appalt kif miftiehem fil-bidu, bl-istess rata ta' ħlas[37]. F'każ li jitnissel dubju jekk kienx sar ftehim ġdid u sakemm ma ssirx prova ta' ftehim xort'oħra, xogħol żejjed li jitwettaq f'appalt li fih ikun sar ftehim dwar il-ħlas, jitqies bħala estensjoni ta' dak l-appalt u mħares bl-istess ftehim[38];

Illi l-liġi tagħna[39] timxi mar-regola li l-bidla jew żieda fix-xogħol miftiehem f'appalt ta' bini jew ta' "xogħol ieħor kbir" ma tagħtix jedd lill-appaltatur għal żieda fil-prezz, sakemm dawk il-bidliet jew żieda ma jkunux gravużi għalih. Il-liġi ma jidhirx li tagħmel distinzjoni – bħalma jidher li teżisti f'liġijiet ta' pajjiżi oħrajn[40] – bejn meta x-xogħol ġdid jew żejjed ikun inħoloq bla maħsub min-natura nnifisha tal-appalt u meta dak ix-xogħol ikun intalab mill-kommittent minn rajh. Jidher li l-kriterju waħdieni fil-liġi tagħna huwa dak li l-bidliet ikunu għamlu l-appalt mogħti aktar gravuż għall-appaltatur. Madankollu, fil-kuntratt iffirmat bejn l-attur u l-Gvern, iż-żewġ sitwazzjonijiet kienu maħsuba u regolati;

Illi fil-każ tal-lum, l-appalt mogħti lill-attur kien wieħed għal prezz wieħed, u għalih kienu japplikaw espressament l-ispeċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet imfissrin fid-dokument tal-offerta u fil-kundizzjonijiet ġenerali maħruġa mill-Gvern. Dawn il-kundizzjonijiet kienu mehmuża mal-kuntratt u l-

---

[36] P.A. AJM **5.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Louise Sant Fournier noe vs Jawad Shaikh et***
[37] P.A. TM **19.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Camilleri et vs Charles farruġia et noe***
[38] App. Ċiv. **28.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo vs Spiteri et***
[39] Art. 1639 tal-Kap 16
[40] Ara, per eżempju, l-artt. 1660 u 1661 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, imbasta tali xogħlijiet ma jkunux jaqbżu waħda minn sitta tal-appalt oriġinali

attur iddikjara espressament li kien laqagħhom u li kien midħla tagħhom. Jidher li kienet miftehma wkoll proċedura partikolari li l-appaltatur kellu jwettaq meta jqis li kien sejjer jagħmel xogħol żejjed jew meta kien sejjer jintalab li jagħmel xogħol aktar minn dak kuntrattat;

Illi għalhekk, fil-każ tal-appalt mogħti lill-attur, kien il-kuntratt innifsu li kien jistabilixxi l-jedd tal-appaltatur għal żieda fil-ħlas, minkejja li l-appalt ingħata għal prezz wieħed. Dan iġib ukoll il-konsegwenza li, ladarba tali possibilita' kienet miftehma u maħsuba mill-partijiet fil-kuntratt, dik ir-rabta kienet għalihom daqslikieku l-liġi nnifisha[41]. Jiżdied jingħad ukoll li l-partijiet kienu għażlu li jintrabtu b'dak il-mod bl-obbligu li jħarsu sewwa ċ-ċirkostanzi maqbula li riedu jiġu mħarsin. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, għalhekk, il-Qorti ssib li ma tistax toqgħod fuq il-linja ta' difiża tal-imħarrkin meta jingħad minn qabel li ma hemm l-ebda jedd lill-attur li jitħallas aktar ladarba l-kuntratt tal-appalt kien wieħed għal somma waħda miftehma minn qabel;

Illi, naturalment, il-Qorti trid xorta waħda tqis jekk ġewx imħarsa l-kundizzjonijiet li taħthom l-attur seta' jitlob ħlas iżjed. Dan l-istħarriġ jidher li huwa meħtieġ għall-aħħar, kemm għaliex huwa mod kif jirriżulta jekk twettqux il-patti kuntrattwali, u kif ukoll għaliex jindirizzaw it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Illi jirriżulta li, sakemm l-attur kien għoddu temm kull xogħol ta' tqattigħ ta' blat, ma kien qatt ressaq bil-miktub xi talba mal-imħarrek Direttur dwar ħlas żejjed għal xogħol li huwa seta' ħass li kien imur lil hinn minn dak miftiehem fil-kuntratt. Jirriżulta wkoll li d-Direttur talab lill-attur li jagħmel xogħol li dwaru l-kuntratt ma kien jagħmel l-ebda riferenza. Dan kien xogħol ta' twittija qrib il-bokka tal-mina tal-Ivant li tħares lejn Saint Andrews[42]. Fil-fehma tal-Qorti, kull xogħol li l-attur deherlu li kien għamel żejjed fit-twettiq tal-appalt miftiehem seta' jippretendi ħlas tiegħu biss jekk kemm-il darba jkun wettaq skrupolożament il-proċedura maħsuba fil-kuntratt għal dan il-għan. Skond tali

[41] Art. 992(1) tal-Kap 16
[42] Nota spjegattiva tal-perit tekniku, f'paġ. 234 tal-proċess

proċedura, kull talba f'dan is-sens riedet issir bil-miktub u qabel ma jinbdew dawk ix-xogħlijiet meqjusa mill-appaltatur bħala żejda għall-appalt oriġinali (Klawsola 4 tal-*General Conditions Of Contract*);

Illi fil-każ tal-lum jidher li l-attur intalab jagħmel xogħol żejjed li ma kienx milqut bil-ftehim oriġinali tal-appalt, jiġifieri 'il barra mill-inħawi miftehma. Dan kien jikkonsisti f'xogħol ta' qtugħ ta' blat qrib waħda mill-bokok tal-mini[43]. Dwar dan ix-xogħol, il-perit tekniku wasal għall-fehma li dan ma kienx inkluż fil-ftehim oriġinali;

Illi għar-rigward ta' kull xogħol żejjed li seta' sar fl-ambitu tal-appalt oriġinali, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ma ħarisx il-kundizzjonijiet tal-kuntratt minnu stess maqbul, u għalhekk ma tistax tqis it-talba tiegħu f'dan is-sens. Il-fatt waħdu li huwa jgħid li kien għarraf bil-fomm lill-perit inkarigat mill-proġett ma jgħinu xejn, għaliex il-kuntratt kien ifisser ċar li d-Direttur waħdu kellu jerfa' d-deċiżjoni dwar ħlas żejjed f'ċirkostanza bħal din u mhux il-perit;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li, safejn it-talba attriċi tirrigwarda qtugħ ta' blat iżjed minn dak miftiehem fl-inħawi milquta bil-kuntratt, l-pretensjoni tal-attur ma tistax tintlaqa' għaliex naqas li jħares il-patti kuntrattwali stabiliti;

Illi jifdal li jitqies **<u>jekk l-attur ingħatax jagħmel xogħol iżjed minn dak miftiehem.</u>** Mill-osservazzjonijiet magħmulin aktar qabel, jidher li l-attur ingħata tassew xogħol żejjed waqt li kien qiegħed iwettaq l-appalt u f'post 'il barra minn fejn kien maħsub li jsir ix-xogħol kuntrattat. Dan ix-xogħol kien xogħol ta' twittija, jiġifieri dan kien xogħol li jsir bit-tħaddim ta' makkinarju u mhux bl-isplussivi. Iżda, minħabba li f'dan ir-rigward ukoll huwa naqas li jsegwi l-proċedura stabilita fil-kuntratt biex jirreklama l-ħlas, il-Qorti ssib li t-talba attriċi f'dan ir-rigward ukoll ma tistax tintlaqa';

[43] Xhieda tal-AIC Edward Camilleri 17.3.1978, f'paġ. 72 tal-proċess

Illi għalhekk m'huwiex il-każ li l-Qorti tistħarreġ **kemm fil-fatt qatta' blat l-attur** fit-twettiq tal-appalt. Iżda l-Qorti ma tistax ma tosservax li, mill-kostatazzjonijiet magħmulin mill-perit tekniku, ukoll kieku l-attur ħares il-proċedura għar-rikjam tal-imħarrek Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar dak li ħass li seta' kien xogħol żejjed, jidher li kien jirriżulta li x-xogħol li wettaq kien jaqa' qrib tal-kwantita' li kienet miftehma fil-kuntratt;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** u teħles lill-imħarrkin Onorevoli Ministru tal-Finanzi u l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi mill-osservanza tal-ġudizzju, billi m'humiex il-leġittimi kontradittur tal-azzjoni attriċi;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrkin Accountant General u Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi u tiddikjara li l-attur naqas li jħares il-kundizzjonijiet tal-kuntratt dwar il-pretensjonijiet li huwa kellu dwar ħlas għal xogħol żejjed li seta' tqabbad jagħmel waqt li kien qiegħed jeżegwixxi l-appalt mogħti lilu; u

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala m'hux mistħoqqa fid-dritt, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------